

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Marzu 2020 – AP vs FEI**(Kawża T-155/19) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament u għad-danni – Servizz pubbliku – Persunal tal-FEI – Preżentazzjoni mill-membri tal-persunal tar-riżenja tiegħu minħabba raġunijiet personali – Leave minħabba marda gravi li bdiet qabel id-data tat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol magħżula mill-membri tal-persunal – Talba għall-irtirar tar-riżenja wara id-data tat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol magħżula mill-membri tal-persunal – Rifjut tal-FEI li jaċċetta l-irtirar retroattiv tar-riżenja – Posponiment tad-data tat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol minħabba l-leave tal-mard – Applikabbiltà tal-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-FEI – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)*

(2020/C 191/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: AP (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Fond Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: M. Leander, N. Panayotopoulos u F. Dascalescu, aġenti, assistiti minn P-E. Partsch u T. Evans, avukati)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża, fl-ewwel lok, għall-annullament tal-ittri tal-FEI tat-30 ta' Awwissu u tat-3 ta' Ottubru 2018 li jiċħdu t-talba tar-rikorrienti tal-20 ta' Ġunju 2018, fit-tieni lok, għall-għoti ta' ordni fil-konfront tal-FEI sabiex iħallas lir-rikorrienti l-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-FEI u, fit-tielet lok, għall-kumpens tad-dannu morali allegatament imġarrab mir-rikorrienti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt.
- 2) AP hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 155, 6.5.2019.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2020 – Highgate Capital Management vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-280/19) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament – Għajjnuna mill-Istat – Ilment – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà”)*

(2020/C 191/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Highgate Capital Management LLP (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Struys, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, A. Bouchagiar u K.-Ph. Wojcik, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad ilment dwar għajnunha mill-Istat li hija illegali mogħtija lil Eurobank Ergasias SA għall-akkwist ta' Piraeus Bank Bulgaria (SA.53105), allegatament inkluża fl-ittra tat-8 ta' Marzu 2019 tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-"Kompetizzjoni" u fid-dikjarazzjoni pubblika tal-20 ta' Marzu 2019 tal-membri tal-Kummissjoni responsabbli għall-kompetizzjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent tal-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja.
- 3) Highgate Capital Management LLP hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji, minbarra dawk relatati mat-talba għal intervent.
- 4) Il-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja għandu jbat i-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talba għal intervent.

(<sup>1</sup>) ĠU C 213, 24.6.2019.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' April 2020 – Gerber vs Il-Parlament u Il-Kunsill**

(Kawża T-326/19) (<sup>1</sup>)

**(Rikors għal annullament – Territorju doganali tal-Unjoni – Regolament (UE) 2019/474 – Direttiva (UE) 2019/475 – Inklużjoni tal-muniċipalità ta' Campione d'Italia u tal-ilma Taljan tal-Lag ta' Lugano – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Inammissibilità)**

(2020/C 191/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Tibor Gerber (Campione d'Italia, l-Italja) (rappreżentant: N. Amadei, avukat)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio u C. Biż, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lo Monaco u E. Ambrosini, aġenti)

**Suġġett**

L-ewwel nett, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament (UE) 2019/474 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2019, L 83, p. 38), f'dak li jikkonċerna l-parti relatata mal-inklużjoni tal-muniċipalità ta' Campione d'Italia u tal-ilma Taljan fil-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni, it-tieni nett, talba bbażata fuq l-Artikolu 264 TFUE u intiża sabiex id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/475 tat-18 ta' Frar 2019 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE (ĠU 2019, L 83, p. 42), tiġi ddikkjarata mingħajr effetti, u, it-tielet nett, talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għall-għoti ta' miżuri provviżorji intiżi għas-sospensjoni tal-implementazzjoni tar-Regolament 2019/474, tad-Direttiva 2019/475 u ta' kull miżura ta' implementazzjoni relatata magħhom.